# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2000**

**Numru 27**

**Citaz. numru 1381/90 DS**

Martin Degiorgio bhala Managing Director u in rapprezentanza tas-socjeta’ MONDIAL AIRTOURS LIMITED
vs
Joseph Gerada bhala Managing Director u in rapprezentanza tas-socjeta’ THOS C. SMITH & CO. LTD.

Illum, 24 ta’ Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ Dicembru 1990 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta' konvenuta ordnat minghand is-socjeta' attrici hamsa u ghoxrin (25) passagg bl-ajru fuq titjira tal-Airmalta Malta-Istanbul - Malta, fis-17 u l-24 ta' Awissu 1990 bil-prezz ta' tnejn u disghin lira Maltin (Lm92) il-wiehed u bil-kundizzjoni ta' "full commitment - no refund", jithallsu mal-konsinja tal-biljetti.

Billi s-socjeta' konvenuta xi tlett gimghat u nofs qabel il-vjagg bghatet l-ismijiet ta' hmistax il-passiggier u kkonfermat il-booking tal-25 biljett. Minkejja dan baqghet ma bghatitx l-ismijiet tal-ghaxar passiggieri l-ohra ghalkemm baqghet twieghed li taghmel dan sat-13 ta' Awissu 1990.

Billi fl-14 ta' Awissu 1990, is-socjeta' konvenuta infurmat lis-socjeta' attrici li la kienet ser taghti l-ismijiet li kien fadal u lanqas ma kienet ser

thallas billi l-15 il-passiggier li kienu taw isimhom kien rega' bdielhom minhabba l-invazjoni tal-Kuwait.

Billi fl-20 ta' Awissu 1990, l-attur nomine baghat invoice ghall-hlas ta' elf tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm1380) prezz tal-hmistax il-biljett li kienu kkonfermati bl-ismijiet, pero l-konvenut nomine ppretenda li ma kellu jhallas xejn u baqa' jirrifjuta li jhallas anke wara li gie nterpellat jaghnel dan b'ittra legali.

talab lil din il-Qorti :

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta' elf, tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm1380) prezz ta' hmistax il-biljett tal-ajru mixtrija minnu kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Novembru 1990, u bl-imghaxijiet kummercjali mill-20 ta' Awissu 1990, data tal-invoice, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi (i) l-kondizzjoni "full commitment - no refund" ma fformatx parti mir-relazzjonijiet kummercjali bejn il-kumpaniji kontendenti in konnessjoni mat-tranzaajoni in kwistjoni u (ii) l-agir tal-attur noe u/jew l-impjegati tieghu kien tali li ma kkreja ebda irbit kummercjali kif pretiz mill-istess attur noe u anzi kien l-agir ta' l-istess attur noe u/jew ta' l-impjegati tieghu li pogga lill-konvenut noe f'pozizzjoni antipatika mal-klijenti ta' l-istess konvenut noe.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni moghtija hawn fuq, is-sitwazzjoni fil-Golf Gharbi fiz-zmien relevanti kienet tali illi tikkostitwixxi raguni sufficjenti biex kwelunkwe relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet tigi mhassra.

Illi in kawtela tal-kreditu pretiz, l-attur noe talab u ottjena mandat ta' sekwestru fuq l-ammont pretiz minnu, liema mandat kien inutli fit-termini tal-Artikolu 846 (4) (c) tal-Kap 12 u b'daqstant irreka danni lill-konvenut noe, u rreka lilu nnifsu vulnerabbli ghal talba fis-sens ta' l-artikolu citat u ghalhekk il-konvenut noe qed jaghmel kontro-talba f'dan ir-rigward.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn, wara li ppremetta illi:

In kawtela tal-kreditu pretiz minnu, l-attur noe talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut noe; (Mandat 3470/90)

Il-hrug ta' dan il-mandat kien inutli fis-sens mitlub mill-Art. 846 (4) (c) tal-Kap 12 stante illi l-konvenut noe huwa notorjament f'tali cirkostanzi illi ma hemm l-ebda dubju li jkun jista jissodisfa l-kreditu jekk il-kawza tigi deciza kontra tieghu.

talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. l-istess attur noe talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru inutilment u b'hekk irreka danni lill-konvenut nomine;

2. jigu likwidati d-danni sofferti mill-konvenut noe minhabba dan l-agir;

3. jigi kkundannat l-attur noe ihallas lill-konvenut nomine d-danni kollha hekk likwidati kif ukoll il-multa kkontemplata fl-Artikolu fuq citat.

Bl-ispejjez kontra l-attur noe ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn qal:

1. In-nullita' tal-kontra-talba billi ma saritx skond il-ligi u b'kull kaz mhijiex applikabbli l-procedura tal-kontro-talba billi ma jezistux ir-rekwiziti taht l-artikolu 396 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2 Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-istanti ma jistax ikun cert li l-konvenut nomine jkun f'qaghda li jhallas fi tmiem dil-kawza, partikolarment wara l-mod kif qed jipprova jahrab mill-obbligi kontratti minnu.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-18 ta' April 1997;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Is-socjeta' attrici pproduciet bhala xhieda lil Martin Degiorgio, Michael Abela u Christine Reitana. Mix-xiehda taghhom jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet ikkuntrattat ma' Air Malta ghac-"charter" ta' tliet titjiriet ghal Istanbul. Dan kien fuq bazi ta' "full commitment". Kienu gew allokati hamsa u ghoxrin post lis-socjeta' konvenuta fuq l-istess bazi tramite t-"travel manager" tas-socjeta' konvenuta Maria Aquilina. L-ordni saret verbalment. Sussegwentement is-socjeta' konvenuta kienet ikkonfermat biss hmistax-il isem u billi l-Air Malta kienet qed tesigi l-ismijiet kollha biex tohrog il-biljetti relattivi, kienet qed issir insistenza kontinwa mis-socjeta' attrici biex jircievu l-ismijiet minghand is-socjeta' konvenuta. Fid-29 ta' Lulju 1990 Maria Aquilina rrikonfermat il-hamsa u ghoxrin post.

Fit-2 ta' Awissu 1990 l-Irak invada l-Kuwait. Fl-10 ta' Awissu Maria Aquilina nfurmat lis-socjeta' attrici li ma kenitx f'qaghda tikkonferma l-bookings peress li l-klijenti taghhom kienu preokkupati bis-sitwazzjoni fil-Golf Gharbi. L-ajruplan tar bil-hamsa u ghoxrin post vojta, pero' s-socjeta' attrici qed tesigi pagament tal-hmistax-il biljett li kienu lehqu gew ikkonfermati billi kienu nghataw l-ismijiet tal-passiggieri.

Is-socjeta' konvenuta pproduciet bhala xhieda lil Joseph Gerada u Maria Aquilina. Joseph Gerada xehed li ma kien qatt sar "booking" izda semplicement "preliminary enquiries! Tant li qatt ma kien hemm ebda kuntratt ffirmat jew diskors dwar "release period". Maria Aquilina kkonfermat li l-arrangamenti li lehqu saru mas-socjeta' attrici kienu minghajr "commitment basis". Jirrizulta pero' li meta kienet qed issir pressjoni mis-socjeta' attrici biex is-socjeta' konvenuta tiddikjara jekk kinux iridu l-biljetti allokati lilhom, Aquilina informathom li xi nies kienu lehqu ghamlu "booking" u tathom l-ismijiet fuq it-telefon. Fl-istess hin gibdet l-attenzjoni ghall-avvenimenti fil-Golf. Sussegwentement saru diversi tentattivi minn impjegati tas-socjeta' attrici biex jitolbu lis-socjeta' konvenuta tikkonferma s-seats u meta raw li ma kenitx saret tali konferma gew informati li s-seats kienu nbieghu anke dawk li dwarhom saru l-bookings.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ghamel analizi dettaljata tal-provi mressqa. Ighid:

**<u>Dwar it-talba attrici</u>**

Minn analizi tal-fatti hawn esposti jirrizulta li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-modilitajiet li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Filwaqt illi l-atturi isostnu illi l-bookings saru fuq "full commitment - no refund", il-konvenut jichdu dan. L-esponent huwa tal-fehma illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed jaccetta t-tezi tas-socjeta' konvenuta, jirrizulta car illi s-socjeta konvenuta intrigat li ssib il-bejgh ta' hamsa u ghoxrin biljett tal-ajru lejn it-Turkija. Sakemm hija ma sabitx il-bejgh tal-biljetti, setgha kien il-kaz illi ma kenitx tenuta thallas billi hija ssostni illi ma kien hemm ebda "commitment" da parti taghha. B'dana kollu pero' jirrizulta illi l-istess socjeta' konvenuta kienet gja bieghet hmistax il-biljett allokati lilha tant li skond Maria Aquilina, l-ismijiet tal-hmistax il-passiggier gew komunikati lill-atturi telefonikament u l-ismijiet taghhom jirrizultaw mid-dokument "A" a fol. 6 tal-process. La darba saret konferma tal-booking mill-klijenti lill-konvenuti u sussegwentement mill-konvenuti a favur tal-atturi, ghandu jirrizulta illi l-kuntrattazzjoni bejn il-partijiet kontendenti gew konkluzi galadarba huma dahhlu f'din il-kuntrattazzjonijiet bejn il-partijiet kontendenti gew konkluzi u sigillati. Il-konvenuti ma jistghux jippretendu illi l-kondizzjoni galadarba huma dahhlu f'din il-kuntrattazzjoni minghajr ebda "commitment", l-obbligi taghhom jibqghu sospizi b'mod indefinittiv u kwindi ezonorati minn kull obbligu. Ghandu jigi mument fir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet meta f'kaz illi jigi konfermat "booking", l-obbligu tas-socjeta konvenuta jigi konkretizzat.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent ihoss illi meta saret konferma ta' hmistax il-booking, s-socjeta konvenuta obbligat ruhha li takkwista dawk il-biljetti u konsegwentement hija tenuta responsabbli ghall-hlas tal-istess; l-ewwel eccezzjoni ghalhekk ghandha tigi respinta.

Fil-fehma tal-Qorti l-perit legali ghamel analizi korretta tal-principji legali nvoluti u tal-fatti kif irrizultaw mill-provi prodotti u m'ghandhiex ghalfejn tvarja mill-konkluzjonijiet minnu raggunti u tadottahom.

**<u>Dwar it-talba rikonvenzjonali</u>**

Il-konvenut qieghed jesigi l-hlas ta' danni li rrizultaw in konsegwenza tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3470/90. Il-perit legali josserva:

Fl-ewwel lok l-atturi qeghdin jecepixxu n-nullita tal-kontra-talba billi ma jesistux r-rekwiziti taht l-artikolu 396 tal-Kap 12.

It-talba rikonvenzjonali hija kontemplata f'zewg istanzi u cioe' meta l-kontro talba tkun gejja mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur jew meta l-iskop tal-kontro talba huwa li jpaci il-kreditu mitlub mill-attur jew li jgib fix-xeejn l-azzjoni tal-attur.

Ma ghandu jkun hemm ebda illi t-talba rikonvenzjonali f'dan il-kaz hija ntiza biex iggib fix-xejn l-azzjoni u kwindi hija ammissibli u fil-fehma tal-esponent mhuwiex mehtieg illi l-kontro talba ghandha tohrog mill-istess fatt jew titolu f'kull.

Dwar din il-kontro talba ghandu jigi rilevat illi qed tigi bazata fuq l-artikolu 846 (4) (c) tal-Kap. 12. Ghandu jinghad illi ghalkemm dan l-artikolu tal-ligi kien jipprovdi ghar-rimedju mitlub fil-kuntest ta' mandat ta' qbid u mhux ta' sekwestru, dan l-artikolu issa gie abrogat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-att XXIV tal-1995. Il-ligi tal-procedura kif emendata issa tipprovdi disposizzjoni generali u simili ghal dik hawn fuq riferita applikabbli ghall-mandati kollha. L-artikolu 836 (8) (c) jipprovdighall-hlas ta' penali ta' bejn hames mitt lira u tlett elef lira "...jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lik ghal xi dubbju ragjonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew." Is-sub artikolu disgha tal-istess artikolu imbaghad jikkontempla wkoll ir-rimedju tad-danni.

Minn ezami tal-provi jidher li l-konvenut nomine ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-talbiet rikonvenzjonali. Ma hemm l-ebda prova dwar id-danni pretizi. Ma gietx esebita mqar kopja tal-mandat ta' sekwestru msemmi ghall-prova ta' l-ezekuzzjoni tieghu. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar li s-socjeta' konvenuta hija wahda stabbilita u li s-somma in kwistjoni tista' tithallas facilment. Izda jibqa' l-fatt li l-konvenut nomine ma ghamel xejn biex jissostanzja t-talbiet tieghu. Ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni peritali li jkollhom jigu respinti.

L-attur nomine qieghed jitlob hlas minghand il-konvenut nomine tas-somma ta' Lm1380, liema somma tirrapprezenta il-prezz ta' hmistax-il

biljett ta' l-ajru bir-rata ta' Lm92 ghal kull biljett. In vista ta' dak kollu li ntqal hawn fuq din is-somma hija dovuta lill-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali taghha, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1380 bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine u salv kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollu kontra l-klijenti tieghu li kienu kancellaw il-bookings.

Grazio Galea
D/Registratur